Three One-Act Plays

M.P.L.

1732 1960

# Manoel Theatre

CREMONA

51

# TEATRU MANOEL

## Il-Malta Drama League

**TIPPREŻENTA**

## ID-DAR FIS-SEBGHA

***Adattat għall-Palk minn VICTOR TEDESCO***

## L-GHARUSA

***Dramm Mistiku ta' ĠUŻE' DIACONO***

## IR-RITRATT TA' MICHAEL THOMPSON

***Adattat għall-Palk minn VICTOR TEDESCO***

**Is-SIBT 18 u l-ĦADD 19 TA' MEJJU, 1963**

**fis-6.30 p.m.**

## ID-DAR FIS-SEBGHA

*Adattat għall-Palk minn VICTOR TEDESCO*

| | |
|---|---|
| David Preston | VICTOR TEDESCO |
| Anne, il-Mara Tiegħu | SIMONE GULIA |
| It-Tabib Watson | PAWLU BUGEJA |
| Major Chessman | ANTHONY PARNIS |
| L-Avukat Peter Morris | GEORGE PORTELLI |
| Peggy Dobson | ĠUZA TEDESCO |
| L-Ispettur Ralph Brown | RONNIE V. ABDILLA |



*Il-producer —*

*VICTOR TEDESCO*

## L-GHARUSA

*Dramm Mistiku ta' ĠUŻE' DIACONO*

| | |
|---|---|
| Soru Wistina | KARMEN AZZOPARDI |
| Tuteppi | KARMENU GRUPPETTA |
| Soru Tarċisja | VITORIN GALEA |
| Marija | ELSA ROMEI |



*Producer ĠUŻE' DIACONO*

*Xena ta' CHARLES CASSANO*

*Effetti Tekniċi ta' TONY PARNIS*

## IR-RITRATT TA' MICHAEL THOMPSON

*Adattat għall-Palk minn VICTOR TEDESCO*

| | |
|---|---|
| Michael Thompson | VICTOR TEDESCO |
| Gracie | KARMEN AZZOPARDI |
| Mrs. Betty Hill | LINA GALEA |

*Producer VICTOR TEDESCO*

| | | |
|---|---|---|
| *Direttur tal-Palk* | Għall-Malta Drama League | JOSEPH P. BORG |
| *Irtokk* | | PAWLU BUGEJA |
| *Xena u Dawl* | Għat-Teatru Manoel | CHARLES TABONE |
| *Effetti Tekniċi* | | JOHN LAUS |
| *Booking Office* | | MARGARET DEGIORGIO |

Il-Malta Drama League sejra tagħlaq b'dan it-trittiku ta' xogħlijiet premjati staġun li kien tabilħaqq sabiħ — mhux biss għad-drammi li wriet ta' awturi Maltin, iżda wkoll għall-ħila li wrew l-atturi tagħha, u b'mod speċjali għall-interess li wera l-pubbliku ta' kull klassi, li ġie bi ħġaru biex jieħu gost bix-xogħol ta' kittieba Maltin ippreżentat minn atturi Maltin b'ħila xejn inqas minn dik tal-barranin li kienu ġew fostna ftit qabel.

Nittamaw li x-xogħol tagħna llum sejjer jogħġobkom ukoll. Illum sejrin taraw x'uħud mill-aqwa artisti li għandna f'xogħol oriġinali ta' Ġużè Diacono, L-GĦARUSA, u f'żewġ drammi Ingliżi, adattati għall-Malti minn Victor Tedesco, ID-DAR FIS-SEBGĦA u IR-RITRATT TA' MICHAEL THOMPSON.

L-ewwel wieħed huwa dramm mistiku, l-ewwel xogħol ta' din l-għamla li qatt deher fuq il-palki tagħna, u l-oħrajn huma żewġ thrillers mill-aħjar, b'mod speċjali IR-RITRATT TA' MICHAEL THOMPSON, li fih tensjoni qawwija mill-bidu sa l-aħħar. F'dan id-dramm Victor Tedesco sejjer jagħmel il-parti ta' David, il-parti li biha kien rebaħ il-premju għall-aqwa attur fil-festival tal-Malta Drama League ta' l-1960, u fl-GĦARUSA Karmen Azzopardi sejra tagħmel il-parti ta' Soru Wistina, li biha rebħet il-premju għall-aqwa attriċi fl-istess festival. Fatt ieħor interessanti f'dan it-trittiku li sejrin nagħtukom illum huwa li Victor Tedesco kien rebaħ il-premju għall-aħjar producer b'IR-RITRATT TA' MICHAEL THOMPSON fil-festival ta' l-1951 u din id-darba sejjer jipproduċih hu wkoll.

Dwar l-GĦARUSA għandu jingħad li din li sejrin taraw il-lejla hija l-verżjoni li saret l-ewwel darba fid-De Porres Hall, fl-1960, jiġifieri verżjoni ġdida tad-dramm ta' l-istess isem li Ġużè Diacono ġa stampa fi ktieb ma' żewġ drammi oħra. Din il-verżjoni, Ġużè Diacono għamilha b'Karmen Azzopardi f'rasu għall-parti ta' Soru Wistina.

Fl-aħħarnett nixtieq inrodd ħajr lill-pubbliku għall-inkoraġġiment kbir li tana dan l-istaġun, li jibqa' miftakar fl-istorja tal-Malta Drama League, u nagħti kelma li aħna nagħmlu ħilitna biex inpattulu kif jixraq u nissoktaw inġibu 'l quddiem it-teatru tagħna.

Ġa qed naħsbu biex inħejju programm interessanti għall-istaġun li ġej, u, minbarra xogħlijiet ġodda ta' awturi Maltin, sejrin naħsbu biex Malta wkoll tiċċelebra ċ-ċentinarju ta' William Shakespeare billi nippreżentaw xogħlijiet minn tiegħu fi traduzzjonijiet ġodda ta' awturi Maltin magħrufa.

Ronald V. Abdilla,
*President.*